MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-27 ta' April, 2007

Rikors Numru. 145/2007

**IT&T Limited (C26874)**

**Vs**

**Net4U Limited (C34827) u**
**Mark Anthony Portelli (K.I. 535880M) personalment.**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**att tar-rikors** li permezz tieghu ir-rikorrent nomine issottometta :

Illi b'rikors ipprezentat mis-socjeta' sekwestranta IT&T Limited intlaqghet it-talba sabiex jinhareg mandat ta' sekwestru fil-konfront tal-esponent f'ismu proprju in kawtela tas-somma ta' hmistax-il elf sitt mija u tlettax-il lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm15,613.31) oltre imghax u spejjez rapprezentanti ammonti allegatament dovuti mis-socjeta' Net4U Limited  ta' liema l-esponenti huwa d-direttur u '*shareholder'*  kif ukoll mill-esponenti f'ismu proprju  abbazi tal-ftehim li fi kliem is-socjeta' sekwestranti stess gie ''*entrat bejn il-kumpanija rikorrenti* (cioe' IT&T Limited u dik intimata (u cioe' Net4U Limited);

Illi in segwitu ta' dan il-mandat gew sekwestrati, ngustament u bla ebda fundament fattwali u legali, l-kontijiet bankarji personali oltre dawk tas-socjeta' sekwestrata 'Net4U Limited;

Illi in primis, l-esponent jirrileva illi l-ftehim datat l-1 ta' Awissu 2006 li taghmel riferenza ghalih is-socjeta' sekwestranta fir-rikors promotur taghha bin-numru 1695/06 u li fuqhu huwa bbazat l-istess rikors, sar unikament bejn is-socjetajiet  IT&T Limited (is-socjeta' sekwestranti) u 'Net4U Limited (is-socjeta' sekwestrata):

Illi l-esponent fl-ebda hin ma assuma xi responsabbilta' personali ghat-twettiq tal-obbligazzjonijiet emanenti mill-istess ftehim u ghaldaqstant l-esponent qatt ma jista' jitqies illi huwa vinkolat bil-provvedimenti kontenuti fl-imsemmi ftehim, stante illi mhuwiex firmatarju f'ismu proprju izda biss in rapprezentanza tas-socjeta' sekwestrata;

Illi fir-rigward tal-kawzali elenkati mis-socjeta' sekwestranta in sostenn tal-hrug tal-mandat fil-hrug tal-mandat fil-konfront tieghu f'ismu personali, l-esponent jixtieq jaghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

Kawzali Paragrafu (i)

Illi s-socjeta' sekwestranta fil-kawzali tal-mandat u specifikatament dak innumerat paragrafu (i) tghid illi nkwantu  ghas-somma ta' elf erba' mija u sebghin lira

Maltin (Lm1,470) dawn huma dovuti *ai termini* tal-Artikolu 3.2 tal-ftehim hawn imsemmi hawn fuq imsemmi illi l-istess socjeta' sekwestrata tammetti illi gie '*entrat bejn il-kumpanija rikorrenti u dik intimata'.* F'dan il-paragrafu is-socjeta' sekwestranta tipprova tinsinwa bl-aktar mod qarrieqi illi l-esponent fuq l-imsemmi ftehim ghamel rapprezentazzjoni u dikjarazzjoni falza u frawdolenti in rigward tan-numru ta' *subscribers.*

Illi l-esponent f'dan ir-rigward, jirrileva illi kwalsiasi rapprezentazzjoni jew dikjarazzjoni maghmula fuq il-ftehim jew in konnessjoni mal-istess saret mis-socjeta' sekwestrata Net4U Limited u mhux minnu personalment, oltre ghall-fatt illi falzita' u frodi allegata mis-socjeta' rikorrenti hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt;

Illi noltre l-istess socjeta' sekwestranta fl-istess paragrafu tghid illi s-somma ndikata '*ihallsu mir-rikorrenti lill-intimata',* konferma ulterjuri illi l-ftehim u r-relazzjoni kummercjali kienet u ghadha bejn iz-zewg socjetajiet u fl-ebda hin l-esponent ma kien parti mill-imsemmi ftehim u/jew partecipi b'mod personali fir-relazzjoni kummercjali bejn iz-zewg kumpaniji;

Kawzali Paragrafu (ii)

Illi s-socjeta' sekwestranta fil-kawzali numerat paragrafu (ii) tallega illi l-ammont ta' tlettax-il elf erba' mija u tnejn u hamsin lira Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm13,452.91) huwa dovut *ai termini* tal-Artikolu 3.9 tal-ftehim;

Illi l-imsemmi Artikolu jipprovdi testwalment *'In the circumstance where a client has already been invoiced by Net4U prior in this Agreement and such invoice covers a period of time which extends until or beyond the 1st August 2006, Net4U binds itself to transferf onto IT&T the sum representing that portion of the invoice which covers payment for the service from the 1st August 2006 onwards'* u huwa ghaldaqstant car illi l-obbligazzjoni bhal kull obbligazzjoni ohra kontenuta fil-ftehim jorbot lis-socjeta' sekwestrata u mhux lill-esponent f'ismu personali;

Illi minghajr pregudizzju ghall-prova li ghandha tingieb dwar il-fondatezza o meno tal-allegazzjoni tas-socjeta' sekwestranta kif maghmula fl-imsemmi paragrafu tar-rikors promotur, l-istess socjeta' sekwestranta ma tistax permezz tar-rapprezentant taghha u dan taht gurament taghmel allegazzjoni generika illi dawn il-flejjes '*inzammu mill-kumpanija intimata* <u>*u/jew*</u> *mill-intimat Mark Anthony Portelli'*;

Illi sabiex ir-rapprezentant tas-socjeta' sekwestranta jaghmel dikjarazzjoni guramentata dan ghandu jkollu provi certi, liema provi jidher bic-car illi m'ghandux stante illi ma jafx jekk dawn il-flejjes inzammu mis-socjeta' *Net4U Limited* jew mill-esponent jew minnhom it-tnejn;

Illi fil-verita' ir-rapprezentant tas-socjeta' m'ghandu l-ebda hjiel jew prova illi jekk u min minn dawn ingabru dawn il-flus, ghaliex li kieku dan kien il-kaz, ir-rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti kien ikun jaf minn min ingabru u kien jindirizza tali akkuza kontra tali persuna jew entita, izda minflok ma kien kategoriku u preciz fl-allegazzjoni tieghu huwa ghamel allegazzjoni generika, tolqot lil min tolqot, sabiex ikun jista' jitfa htija ukoll fuq l-esponent f'ismu personali, meta l-istess esponent mhuwiex parti mir-relazzjoni kummercjali ezistenti bejn iz-zewg kumpaniji;

<u>Kawzali Paragrafu (iii)</u>

Illi s-socjeta' sekwestranta similarment ghal dak allegat fil-kawzali numru (ii), fil-paragrafu sussegwenti u mmarkat numru (iii) terga' taghmel dikjarazzjoni u allegazzjoni generika u ghaldaqstant zgur mhux ibbazata fuq provi illi s-somma ta' mitejn u hdax-il lira Maltin dovuti lilha '*inzammu mill-kumpanija intimata* <u>*u/jew*</u> *mill-intimat Mark Anthony Portelli';*

Illi a skans ta' ripetizzjoni l-esponent jaghmel riferenza ghall-argumentazzjoni hawn fuq esposta fil-paragrafi precedenti b'risposta ghall-kawzali paragrafu (ii);

<u>Kawzali Paragrafu (iv)</u>

Illi hawnhekk is-socjeta' sekwestranta tallega illi kien hemm ftehim bejn is-socjeta' sekwestranti u l-intimati, sabiex dawn ta' l-ahhar jisselfu s-somma ta' sitt elef lira Maltin (Lm6,000) liema allegazzjoni hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi dan is-self qatt ma sar;

Illi barra minn hekk u minghajr pregudizzju ghas-suespost, stante illi n-negozju kummercjali ezistenti bejn is-socjetajiet sar esklussivament bejn l-istess socjetajiet u mhux mir-rapprezentanti f'isimhom personali kwalsiasi talba ghal hlas ta' interessi tista' biss tigi ndirizzata lis-socjeta' sekwestranta Net4U Limited u mhux kontra l-esponent f'ismu personali;

Illi konferma ta' dan huwa l-fatt illi l-istess socjeta' sekwestranti tispjega fir-rikors promotur taghha illi s-somma mitluba hija '*rapprezentanti ammonti ta' interessi fuq self ta' sitt elef Lira Maltin (Lm6,000) <u>somministrat lill-kumpanija intimata'</u>* u mhux lill-esponent;

**<u>Konkluzjonijiet</u>**

Illi in vista tal-fatt illi jidher car, anke *prima facie,* illi l-esponent mhuwiex firmatarju tal-ftehim imsemmi u ghaldaqstant mhuwiex marbut b'dak stipulat fl-istess, l-esponent jirrileva illi s-socjeta' sekwestranta ttentat xortiha sabiex b'xi mod issib lill-esponent responsabbli personalment, billi fir-rikors promotur taghha ghamlet is-segwenti allegazzjonijiet infondati:

'*ghamel rapprezentazzjoni falza u frawdolenti in rigward ghan-numru ta' subscribers'* Kawzali (i)

*'inzammu mill-kumpanija intimata u/jew mill-intimat Mark Anthony Portelli personalment, liema intimati allura approprjaw ruhhom abbuzivament u illegalment minn ammonti li kellhom jinghataw lir-rikorrenti'* Kawzali (ii) u (iii);

Illi s-socjeta' sekwestranta pero' ma segwietx dawn l-allegazzjonijiet li fuqha qed tibbaza l-pretensjoni taghha kontra l-esponent, b'kawza fil-perijodu stabbilit fl- artikolu 846 subartikolu 2 ta' Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi r-rikors guramentat minnha pprezentat bin-numru 1080/2006GCD fl-ismijiet *IT & T Limited (C26874) vs Mark Anthony Portelli KI 535880M f'ismu personali kif ukoll ghan-nom tas-socjeta' Net4U Limited C34827),* (liema kawza ghadha ma gietx appuntata u kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkat Dokument A- dan ir-rikors guramentat ghadu ma giex ufficjalment notifikat lill-esponent) ma tinkorporax talba sabiex l-esponent jigi ddikjarat responsabbli ta' xi frodi, jew falsita, jew illi approprja ruhhu abbuzivament u illegalment minn ammonti illi kellhom jinghataw lir-rikorrenti sabiex is-socjeta' sekwestranta tkun tista' titlob il-hlas minghand l-esponent abbazi tar-responsabbilta' '*ex delicto`;*

Illi noltre kwalsiasi pretensjoni illi jista' jkollha s-socjeta' sekwestranta kontra l-esponent abbazi tal-allegazzjonijiet maghmula fir-rikors taghha ghandha tingieb permezz ta' azzjoni *ad hoc* skond id-dispozizzjonijiet tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta, b'mod partikolari l-Artikoli 315 u 316, liema jiddisponu illi tali responsabbilta' personali tista' tigi dikjarata <u>biss</u> waqt li kumpanija tkun fi process ta' stralc;

Illi fil-kawza bin-numru 1080/2006GCD is-socjeta' sekwestranta ma resqet l-ebda talba ghall-istralc tal-kumpanija *Net4U Limited*, liema kaz l-Onorabbli Qorti kienet tkun f'pozizzjoni, liema kaz l-Onorabbli Qorti kienet tkun f'pozizzjoni (gia la darba jkun hemm il-kundizzjonijiet rikjesti mill-ligi ghal ordni ta' stralc) li taghti l-ordnijiet opportuni ghal istralc tal-kumpanija u l-hlas tad-debiti taghha, inkluz, jekk ikun il-kaz, ordni taht l-artikolu 315 (responsabbilta' ghal kummerc bi frodi) jew taht l-artikolu 316 (responsabbilta' ghal kummerc hazin) ghal dak li l-awturi nglizi fil-materja jissejjhu *lifting of the corporate veil,* sabiex jinzammu responsabbli personalment id-diretturi tal-istess socjeta' hatja ta' kummerc bi frodi jew ghal kummerc hazin. Izda fin-nuqqas ta' talba specifika ghall-istralc f'dan is-sens, il-Qorti ma tistax tipprocedi sabiex issib xi htija fuq l-esponent;

Illi s-socjeta' sekwestranta illimitat ruhha fir-rikors guramentat taghha li titlob illi s- '*s-socjeta' Net4U Limited u Mark Anthony Portelli personalment u in solidum bejniethom huma debituri'* taghha, u ghaldaqstant kif hawn fuq espost in vista tal- fatt illi ma tezistix bazi *prima facie* fuq liema l-esponent jista' jkun tenut responsabbli abbazi tal-ftehim liema jorbot biss lis-socjetajiet *IT&T Limited* u *Net4U Limited* u l-fatt illi s-socjeta' sekwestranta naqset milli titlob illi ssib lill-esponenti responsabbli *ex delicto,* kif kontemplat bil-ligi u bl-azzjoni mehtiega skond id-dispozizzjonijiet tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta, hija di konsegwenza ma pprezentatx l-azzjoni fi zmien stipulat fl-Artikolu 846 subartikolu 2 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta bil-konsegwenza illi l-effetti tal-istess mandat spiccaw;

Illi noltre jidher illi fir-rikors promotur taghha permezz u partikolarment fil-kawzali s-socjeta' ezekutanti taghmel hafna allegazzjonijiet infondati fuq l-esponenti u s-socjeta' Net4U Limited f'tentattiv li tiggustifika l-hrug tal-mandat ta' sekwestru pero' ma' dan bla ma gabet ebda prova anqas fuq bazi *prima facie* sabiex tipprova l-pretensjonijiet taghha kontra l-esponenti u/jew is-socjeta' Net4U Limited;

Illi dan il-mandat ta' sekwestru qed jikkawza danni kbar lill-esponenti li fost l-ohrajn ghandu diversi *standing orders* mal-banek indikati fil-mandat ta' sekwestru *de quo* bhala sekwestratarji liema *standing orders* b'kagun tal-mandat ta' sekwestru mhux qed jigu onorati kif ukoll. Minbarra dan, il-mandat ta' sekwestru waqqaf trattativi li kien dahal fiha l-esponent ma' dawn l-istess banek sabiex jottjeni facilita' ta' finanzjament ta' circa hamest elef lira Maltin (Lm5,000) ghal opportunita' ta' negozju liema opportunita' issa sfumat fix-xejn b'dannu konsiderevoli ghall-esponent.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti sabiex :

(1) Tordna r-revoka tal-mandat ta' sekwestru numru 1695/06 fil-konfront tal-esponent a tenur tal-Artikolu 836 subinciz (1) paragrafi (a) u/jew, (b) u/jew (d) tal-Kap. 12

tal-Ligijiet ta’ Malta, u dan taht dawk il-kundizzjonijiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa w opportuni;

(2) Tikkundanna lis-socjeta’ sekwestranta thallas lill-esponent is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti bhala hlas ta’ penali a tenur tal-Artikolu 836 subinciz (8) paragrafu (a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(3) Fin-nuqqas tordna lis-socjeta’ sekwestranta sabiex fi zmien qasir u perentorju taghti garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista’ tigi mposta u tad-danni u l-imghax u fin-nuqqas li s-socjeta’ sekwestranta taghmel dan, tnehhi l-att kawtelatorju a tenur tal-Artikolu 838A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ sekwestranti u b’rizerva ghal kull azzjoni spettanti lill-esponent ghad-danni minnu sofferti.

Rat ir-**risposta tas-socjeta’ intimata** prezentata fil-21 ta’ Marzu 2007.fejn issottomettiet :

1. Illi dina hija n-nota ta’ risposta tas-socjeta’ IT&T Limited ghar-rikors illi permezz tieghu Mark Anthony Portelli qieghed jitlob ir-revoka tal-mandat ta’ sekwestru numru 1695/05, mahrug *inter alia* kontrih.

2. Illi l-mandat illi nhareg kontra iz-zewg intimati Net4U Limited C-34827 u Mark Anthony Portelli K.I. 535880M personalment huwa legalment validu u ma hemm ebda raguni ghalxiex dana ghandu jigi revokat, imqar *in parte.*

3. Illi fir-rikors tieghu Mark Anthony Portelli (minn issa ‘l quddiem, ‘Portelli’), jallega illi t-talba tar-rikorrenti *IT&T Limited* (minn issa ‘l quddiem, ‘IT&T’ ghandha tkun diretta biss lejn il-kumpanija *Net4U Limited* u mhux kontra Portelli personalment.

4. Illi sabiex jaghmel dana Portelli jiccita partijiet mit-*test* tar-rikors ghall-hrug tal-mandat ta’ sekwestru kif ukoll tar-rikors guramentat illi bih *IT&T* bdiet il-kawza

taghha, imma, fil-prezenti nota ser jintwera (minghajr pregudizzju ghall-pozizzjoni tal-esponenti illi dina l-Onorabbli Qorti f'dan l-istadju ma ghandiex ghalfejn tidhol f'tali mertu – kif spjegat iktar 'l isfel) illi Portelli ccita biss partijiet minn dawn it-testi fejn jaqbillu u mhux mis-sens kollu tat-talbiet u l-pretizi tal-*IT&T* Portelli u kontra l-kumpanija tieghu.

5. Illi ghandu jirrizulta kjarament u b'mod irrekwivokabbli illi t-talbiet tal-esponenti huma f'kull kaz mirati lejn iz-zewg persuni (Portelli u l-kumpanija tieghu) u mhux lejn il-kumpanija biss.

6. Illi l-esponenti ressqet pretizi kontra zewg intimati, dana ghamlitu kemm fil-kawza stess kif ukoll fil-mandat, allura ma hemm xejn hazin jew irritwali f'dak illi ghamlet.

7. Illi sta ghal din il-Qorti kif diversament presjeduta (jigifieri, dik illi qeghda tiehu konjizzjoni tar-rikors guramentat) illi tidhol fil-mertu dwar jekk it-talbiet tal-esponenti humiex legalment fondati fil-mertu kontra z-zewg persuni Net4U *Limited* u Portelli.

8. Illi kif spjegat (*Therese Mangion Galea vs Desmond Stanley Stewart, deciza fid-29 ta' Lulju, 2005), l-istharrig li ghandha taghmel il-Qorti huwa biss wiehed prima facie u dan ghaliex il-mertu jmissu jigi mistharreg fil-kawza proprja bejn il-partijiet. Ghalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'huwiex mehtieg li tifli fil-mertu l-kwistjonijiet li nqalghu bejn il-partijiet, liema ezercizzju huwa mholli meta din il-Qorti tisma' l-kawza u l-azzjoni rikonvenzjonali fil-waqt xieraq.*

*9.* Illi l-istess sentenza tkompli tghid illi *ghandu jinghad li dak li l-Qorti trid tasal ghalih f'din il-procedura m'ghandu bl-ebda mod jitqies li jkun qieghed isir xi gudizzju fil-mertu dwaru. L-istharrig mehtieg fi procedura bhal din huwa marbut ma' ezami x'aktarx formali tal-att li tieghu qieghed jintalab it-thassir. Il-Qorti ghandha tistharreg li r-rekwiziti mitluba mill-ligi ghall-hrug tal-*

*Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nharigx b'mod abbuziv.*

*10.* Illi l-pozizzjoni illi l-gudikant irid jassumi in rigward ghal talbiet ai termini tal-artikolu 836 hija succintament imma ezawrjentement spjegata mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili, fis-sentenza fl-ismijiet *Taormina Holdings Limited vs Biochemicals Internationals Limited,* tat-30 ta' Ottubru, 2003:

*Fil-hrug tal-atti kawtelatorji ma hemmx ghalfejn li jigi pruvat li l-kreditu hu effettivament dovut. Jista' jkun bizzejjed li min qed jitlob il-hrug tal-mandat kkonferma bil-gurament li hu kreditur tal-intimati. Dawn il-proceduri mhux intizi biex iservu ta' revizjoni ghar-rigward tal-ordni tal-hrug tal-mandat. Dawn il-proceduri jsiru sabiex jigi sabbilit jekk jezistux l-estremi li trid il-ligi, skond il-provedimenti tal-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12, sabiex il-mandat jigi revokat in parte jew in toto. Ghalhekk mhux necessarjament jigu prodotti dokumenti sabiex ikkonfermaw il-kreditu. Inoltre l-pretensjoni li l-mandat in kwistjoni hu ta' pregudizzju lill-rikorrenti mhux raguni valida ghala l-mandat ghandu jigi revokat.*

11. Illi l-istess Qorti f' *Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut,* 5 ta' Gunju, 2003, ticcita hekk:-

*Kif inghad minn din il-Qorti, fil-kawza 'Camilleri vs Gove' et', deciza fl-10 ta' Mejju, 2001, fuq rikors numru 286/01, 'li mid-dispozizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' prima facie, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja.*

*Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina prima facie jekk min hareg il-mandat kellu pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata*

*jew le peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza. ' (ara wkoll 'P.J. Sutters Co. Ltd vs Concept Ltd' deciza minn din il-Qorti fl-10 ta' Mejju, 2001, u 'Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd', deciza wkoll minn din il-Qorti fis-7 ta' Frar, 2001)*

*12.* Illi similment, l-istess Qorti, fit-13 ta' Marzu, 2003, *Cole Foods Limited vs Euro Imports Limited:*

*Illi dan ifisser illi dak li l-Qorti trid tara f'dan l-istadju tal-kawza huwa jekk l-intimat kellux prima facie bazi guridika li fuqha seta' jagixxi sabiex johrog mandat kawtelatorju u dan fid-dawl tal-principju li d-dritt per se ghall-azzjoni gudizzjarja ma ghandu bl-ebda mod jigi pregudikat, u wisq anqas id-dritt ta' persuna li tipprotegi l-interess taghha sakemm id-dritt sostantiv jigi finalment determinat mill-istess Qorti.*

*13.* Illi ghandu jigi nnotat ukoll illi, kif intqal fis-sentenza '*SN Properties Limited vs George Camilleri'* (P.A. (RCP) 6 ta' Gunju 2000) din il-Qorti sostniet li *'minn ezami tal-istess ragunijiet specifici li gew introdotti per se fl-istess artikoli,` l-ispirtu tal-istess artikoli huma intizi, sabiex bhal ma stabbilit fil-gurisprudenza konstanti ezistenti qabel il-promulgazzjoni tal-istess emendi, ma jkunx hemm abbuz minn tali hrug ta' mandati kawtelatorji, u dan l-abbuz huwa identifikat f'kazijiet ta' mala fede, vessatorjeta' u negligenza grossolana'.*

14. Illi huwa pacifiku illi dawn il-proceduri odjerni ma jistghux jintuzaw sabiex tigi permezz taghhom analizzata fil-mertu it-talba attrici, kif qieghed jitlob Portelli fir-rikors tieghu.

15. Illi d-dmir ta' din il-Qorti fl-atti tal-proceduri odjerni huwa divers hafna minn hekk u limitat u cirkuwit skond ma' tiddisponi l-ligi u fil-manjiera kif spjegata fis-sentenzi surreferiti.

16. Illi fir-rikors guramentat tal-esponenti ma huwiex radikat biss fil-ftehim ta' bejnha u l-kumpanija *Net4U Limited* u dana jista' jigi mixtarr kjarament (kieku kien hemm bzonn) mit-*test* tar-rikors guramentat stess fejn Portelli qed jigi mixli illi wettaq agir abbuziv, doluz u illegali.

*17.* Illi ghalhekk, jekk wiehed jixtarr sewwa it-*test* tar-rikors guramentat (kieku kien hemm bzonn illi dana jsir f'dawn il-proceduri) wiehed jinnota illi ma hemm ebda htiega illi wiehed janalizza jekk Portelli ffirmax il-ftehim tal-1 ta' Awissu, 2006, f'ismu personali jew le.

*18.* Illi dwar l-ilment ta' Portelli rigwardanti l-kawzali paragrafu (i) tar-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru, Portelli qieghed *inter alia* jigi mixli illi ghamel rapprezentazzjonijiet xjentement foloz, dana kif ser jigi spjegat waqt il-kawza.

*19.* Illi l-fondatezza tal-falsita' jew *misappropriation* kommessa minn Portelli ma ghandiex tinxtarr f'dan l-istadju imma ghandha tigi kkunsidrata fid-dettall mill-Qorti illi qeghda tiehu konjizzjoni tar-rikors guramentat.

*20.* Illi tant huwa hekk illi (*jekk, il-quddiem, il-Qorti* li *ser tqis il-kwistjoni fil-mertu tasal ghall-fehma li l-intimata ezekutanti m'ghandha tithallas xejn xorta wahda ma jistax jinghad li l-Mandat ma kienx ingustifikat. Is-success jew telfien ta' kwistjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nhareg b'mod vessatorju jew fieragh. Allura fil-fehma ta' din il-Qorti, l-kwistjoni ta' jekk huwiex ragonevoli li Mandat kawtelatorju jinzamm fis-sehh jew jekk huwiex mehtieg jew gustifikabbli li tali Mandat jinzamm fis-sehh ma tiddependi xejn minn cahda tal-kawzali fil-mertu tal-intimat ezekutat.*

*21.* Illi, rigwardanti l-kawzali paragrafu (i) tar-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru, ghall-kuntrarju ta' dak illi jallega Portelli fl-ahhar paragrafu tat-tieni pagna tar-rikors tieghu, f'dan l-istadju u fil-prezenti procedura l-*esponenti mhijiex tenuta ai termini tal-ligi sabiex iggib provi fil-mertu biex issostni l-allegazzjonijiet taghha.*

*22.* Illi tant huwa hekk illi sabiex jinhareg mandat bhall-prezenti bizzejjed illi l-Qorti tkun konvinta illi *prima facie* ikun hemm jedd illi ghandu jigi tutelat.

23. Illi dina l-Onorabbli Qorti fil-fatt hekk ikkonstatat u hekk ghamlet ghaliex rat illi kien hemm ragunijiet bizzejjed biex dana l-mandat jinhareg sia kontra Portelli u sia kontra l-kumpanija tieghu.

24. Illi l-esponenti ghandha kull dritt tuza l-frazijiet 'u/jew' meta jidhrilha illi *prima facie* jista' jkun illi zewg intimati jistghu ikunu responsabbli ta' xi haga *in solidum* bejniethom, imbaghad ghandha tkun il-Qorti kif diversament presjeduta illi tixtarr kemm, min u fl-liema kwalita' ghandu jinstab responsabbli.

25. Illi l-esponenti ma ghamlet ebda allegazzjoni generika izda rradikat il-pretensjonijiet taghha, kemm fil-kawza kif ukoll fil-mandat, kontra s-socjeta' illi kienet innegozjat maghha u kontra l-uniku direttur tal-istess socjeta' Portelli, illi rrenda ruhu personalment responsabbli versu l-esponenti minhabba l-agir tieghu, dana kif ser jigi spjegat u ttrattat waqt is-smigh tar-rikors guramentat.

26. Illi, fi kwalunkwe kaz, l-esponenti pprezentat ir-rikors guramentat taghha nhar l-1 ta' Dicembru, 2006, u cioe' inqas minn tnax –il jum wara l-hrug tal-mandat (20 ta' Novembru, 2006). u ma jirrizultax illi nghata l-avviz tal-ezekuzzjoni tal-mandat illi l-avukat jew prokuratur legali tal-esponenti qabel tali tnax –il jum, ghalhekk ma hemm ebda infrazzjoni tal-artikolu 846 f'dak li ghandu x'jaqsam ma' konteggi ta' granet, waqt illi, kif ser jigi spjegat, it-talbiet fil-kawza huma l-istess tal-mandat u ghalhekk ma jistax jinghad illi ma nfethitx il-kawza relattiva fiz-zmien illi taghti l-ligi.

27. Illi dwar il-kummenti ta' Portelli in rigward ghall-kawzalijiet numru (iii) u (iv) fir-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru, Portelli ma jistax, f'dan l-istadju, jidhol fil-mertu f'dan l-istadju biex jipprova jispjega ghaliex, minn

ghalih, ma ghandiex ragun, dana kollu ghar-ragunijiet spjegati iktar ‘il fuq.

28. Illi ghalhekk, u minghajr ebda pregudizzju ghall-pozizzjoni tal-esponenti, ladarba l-Qorti rat illi *prima facie* il-jeddijiet tal-esponenti jisthoqqilhom tutela permezz tal-hrug tal-mandat ta’ sekwestru odjern, id-dhul fil-mertu dwar il-fondatezza tat-talbiet jew altrimenti ma ghandiex issir issa u f’dan l-istadju u f’dawn il-proceduri.

29. Illi, minghajr pregudizzju, l-allegazzjonijiet dwar Portelli huma cari, fis-sens illi huwa *inter alia* dawwar bi profitt ghalih personali flus illi ma kienux tieghu.

30. Illi in risposta ghall-allegazzjonijiet ta’ Portelli dwar identicita’ jew le tat-talba fir-rikors guramentat ma’ dawk fir-rikors ghall-hrug tal-mandat, ma hemm l-ebda htiega fil-ligi illi l-istesura tat-*test* tkun identika bejniethom.

31. Illi ghandu jkun bizzejjed illi jidher illi si tratta dwar l-istess pretensjonijiet haga illi ghandha tirrizulta immedjatament jekk wiehed ihares lejn ir-rikors guramentat (ipprezentat minn Portelli *(*in *copia*).

32. Illi anzi ghandu jinghad illi l-mandat ikopri pretensjoni ghal ammont inqas minn dak illi huwa mitlub permezz tar-rikors guramentat, dan ghaliex l-ammont mitlub fil-kawzali (ii) tar-rikors ghall-hrug tal-mandat irrizulta, fil-mument tal-prezentata tar-rikors guramentat, illi kien aktar mill-ammont dikjarat fil-mandat.

33. Illi l-‘Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta’ Ottubru, 2003, *Taormina Holdings Limited vs Biochemicals International* Limited tispjega illi ghalkemm ikun hemm differenzi bejn it-*test* tac-citazzjoni (dak iz-zmien) u dak tar-rikors ghall-hrug tal-mandat, jekk:-

*Jidher li z-zewg istanzi jirreferu ghall-istess fatti u ghall-istess pretensjoni tas-socjeta’ intimata kontra s-socjeta’ rikorrenti… Ghalhekk ma jistax jinghad li l-att kawtelatorju ma giex segwit b’citazzjoni fit-terminu li trid il-ligi.*

34. Illi ghandu jidher car illi t-talbiet fir-rikors guramentat mhumiex bazati biss fuq il-ftehim bejn l-esponenti u l-kumpanija *Net4U Limited* imma anki fuq l-agir ta' Portelli personalment.

35. Illi jirrizulta car mir-rikors guramentat illi t-talbiet huma diretti lejn Portelli wkoll, dana huwa bizzejjed biex juri illi t-talbiet fir-rikors guramentat jallaccjaw mal-kawzali tar-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru u, kif spjegat, ma jezisti ebda rekwizit ta' identicita' sabiex jintwera illi l-kawza tirreferi ghall-istess mertu tal-mandat.

36. Illi l-argument rigwardanti l-artikoli 315 u 316 tal-Kap 386 ma jregix f'dawn il-proceduri, *inter alia* ghaliex:-

i din hija materja illi *se mai* ghandha titqajjem fil-mertu tar-rikors guramentat u mhix f'dawn il-proceduri;

ii dawn iz-zewg artikoli jirreferu biss ghal kumpaniji illi in rigward taghhom tkun inbdiet procedura ta' likwidazzjoni (artikolu 315) jew kazijiet fejn il-kumpanija tkun diga' xolta (artikolu 316), haga illi ma kienitx il-kaz ghas-socjeta' *Net4U Limited* .

37. Illi mhuwiex minnu illi l-esponenti ghamlet allegazzjonijiet inveritieri fir-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru fuq bazi *prima facie;* kieku l-fatti ma kienux hekk, il-mandat ma kienx jigi akkordat.

38. Illi l-allegazzjonijiet ta' Portelli dwar danni subiti minhabba l-hrug tal-mandat ta' sekwestru ma jista' jkollhom ebda effett fuq iz-zamma *in vigore* tal-mandat ta' sekwestru *o meno,* ghaliex mandat ma jistax jitnehha minhabba r-raguni illi minhabba fih l-intimat qed ibati, imma jista' jitnehha biss jekk huwa mahrug illegalment:-

*Illi naturalment, Il-Mandat ta' Sekwestru taht ezami wegga' lir-rikorrent. Il-Qorti ma kienitx tistenna li jitressaq ir-rikors promotur kieku dan ma kienx il-kaz. Dan il-fatt wahdu, m'huwiex raguni biex il-Mandat jitnehha. Il-bilanc li l-Qorti trid tilhaq bejn il-jeddijiet tal-pretendent u tal-parti*

*li kontra taghha ssir il-pretensjoni, jrid jigi meqjus fid-dawl li l-Mandat kawtelatorju huwa, minn natura tieghu, protezzjoni bikrija mahsuba mill-ligi sakemm il-kwistjoni tigi mistharrga kiif imiss fil-mertu. Ma jrid jintesa qatt li l-ghan tal-Mandat kawtelatorju huwa dak li 'jiffriza' l-qaghda sakemm il-kwistjoni tigi mistharrga kif ghandu jkun fil-mertu.*

*39.* Illi barra minn hekk, *huwa principju fundamentali illi min jezercita dritt li jispetta lilu ma jistax jitqies li f'dan l-ezercizzju, ikun responsabbli ghall-hsara li bhala konsegwenza jista' jbati haddiehor, in omagg ghall-massima 'qui suo iure utitur, non videtur damnum facere', bil-konsegwenza li d-dritt ghar-rikors ghall-protezzjoni tal-Qorti, huwa dritt li l-ezercizzju tieghu mic-cittadin m' ghandu bl-ebda mod jigi mxekkel.*

40. Illi noltre Portelli ma jistax ilum lill-esponenti ghaliex l-esponenti qeghda tikkawtela l-interessi taghha, dawk l-istess interessi illi bl-agir tieghu, kif ser jintwera fil-mori tar-rikors guramentat, Portelli ddanneggja serjament u b'mod tangilissimu.

41. Illi dwar is-subartikolu 836(1)(a), dana ma jistax jigi applikat ghaliex il-kawza permezz tar-rikors guramentat giet intavolata, kif spjegat iktar 'il-fuq, fit-termini mposti mill-ligi u ghalhekk ma hemm ebda dubju illi l-mandat ta' sekwestru katelatorju ghadu fis-sehh.

42. Illi dwar is-subartikolu 8361b, ma hemm ebda htiega illi ma ghadiex tezisti u illi hija necessarja ghall-hrug u ghall-kontinwazzjoni *in vigore* tal-mandat ta' sekwestru.

43. Illi dwar is-subartikolu 836(1)(d), l-ammont mitlub huwa kjarament *prima facie* dovut u mhuwiex eccessiv, tant huwa hekk illi l-esponenti, meta pprezenta r-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru, ha hsieb illi jispjega fid-dettall kif u f'liema ghamla huma strutturati l-pretizi tal-esponenti kontra l-kumpanija *Net4U Limited* kif ukoll kontra Portelli.

*Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li ghandu jittiehed biex jitqies it-thassir ta' Mandat kawtelatorju taht din ir-ras huwa wiehed li jorbot il-kawzali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li r-rikorrent ezekutant ghandu bazi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma ohra ta' dritt jissejjah il-'fumis juris' tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex 'jillikwida' tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu mahluf fil-Mandat. Wiehed m'ghandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m'ghandux jigi mfixxkel jew imgarrab b'leggerezza, u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definiit minn Qorti.*

44. Illi fil-kaz odjern jirrizulta anki illi l-anmont imsemmi fis-sekwestru huwa inqas minn dak pretiz tramite r-rikors guramentat.

45. Illi dwar it-talba ghall-kundanna ghall-hlas ta' penali da parti tal-esponenti ai termini tas-subartikolu 836(8)(a) tal-Kap XII, il-Qorti biext kun tista' tgawdi l-fakolta' illi timponi tali kundanna, trid tkun iffaccjata b'sitwazzjoni fejn il-hrug tal-mandat ikun sar u warajh l-esponenti ma tkunx ipprezentat kawza dwar it-talba fiz-zmien stabbilit mill-ligi.

46. Illi l-argument ta' Portelli dwar il-fatt illi l-kawza tal-esponenti ma saritx fuq l-istess mertu tar-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru ma jregix, u dana kif spjegat aktar 'il fuq.

47. Illi ghalhekk ma hemm assolutament ebda lok ghall-impozizzjoni ta' tali penali.

48. Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, u mill-mod kif inhu mfassal is-subartikolu, anke jekk il-Qorti ssib illi jezisti wiehed mill-kazijiet kontemplati minn (a) sa (d), il-Qorti f'dak il-kaz ma ghandiex bilfors timponi tali penali, izda *tista'* – fid-diskrezzjoni taghha, timponiha jew le.

49. Illi fil-fatt kien hemm okkazjoni meta l-penali ma gietx komminata minkejja illi l-Qorti osservata illi, wara li rat il-fatti mressqa quddiemha, hija kellha il-fakolta' ukoll illi timponiha.

50. Illi dwar it-talba sabiex, fin-nuqqas illi jintlaqa' 'il-fuq immsemmi, illi *fi zmien qasir u perentorju taghti garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista' tigi mposta u tad-danni u l-imghax u fin-nuqqas li s-socjeta' sekwestranta taghmel dan, tnehhi l-att kawtelatorju a tenur tal-Artikolu 838A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta,* presuppost qabel ma' l-Onorabbli Qorti ghandha tikkontempla tapplikax dana l-artikolu kontra, f'dan il-kaz l-esponenti, huwa illi l-Qorti tara illi *tintwera kawza gusta ghal dan.* Portelli assolutament ma wera ebda kawza gusta sabiex jiggustifika l-bzonn ghall-hrug ta' tali garanzija, jew illi l-hrug ta' tali garanzija tkun misthoqqa.

51. Illi l-Artikolu 838 A jiddisponi illi:

*Il-Qorti tista', meta tintwera kawza gusta ghal dan, malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inhareg att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-hrug ta' l-att kawtelatorju sabiex taghti, fi zmien stabbilit mill-Qorti garanzija xierqa ghall-hlas ta' penali li tista' tigi mposta u ta' danni u imghax, u fin-nuqqas, li tnehhi l-att kawtelatorju.'*

52. Illi, allura, min johrog att kawtelatorju jista' jigi ordnat jaghti garanzija sabiex jaghmel tajjeb:

ghall-penali (ai termini ta' wiehed jew aktar mill-kapijiet tas-subartikolu 836(8) illi jista' jinstab passibbli ghaliha skond il-ligi (Portelli talab illi dana jsir f'dawn il-proceduri *ai termini* tas-subartikolu 836(8)(a) biss, u intwera iktar 'il fuq ghaliex ma ghandux ragun) f'dawn il-proceduri fir-rigward

u/jew

ghad-danni (*ai termini* subartikolu 836(9), u is-subartikolu 9 jaqra kif isegwi:

(9) *Fil-kazijiet li jaqghu taht is-subartikolu ta' qabel dan, il-Qorti tista', meta jsirilha rikors mill-persuna li kontriha jkun inhareg l-att kawtelatorju, tikkundanna lir-rikorrent li fuq talba tieghu ikun inhareg il-mandat kawtelatorju sabiex ihallas dawk id-danni lil dik il-persuna li hija setghet garrbet bil-hrug tal-mandat, u f'kawzi bhal dawk il-Qorti ghandha tara u tuza l-iskritturi tal-procedimenti ta' l-att kawtelatorju u ta' kull procediment iehor li johrog jew jitnissel minnu, u dawk l-iskritturi ghandhom jitqiesu bhala prova ammissibbli ghall-finijiet ta' din l-azzjoni.'*

53. Illi jitnissel allura car il-fatt illi l-penali ssir biss dovuta jekk tirrizulta xi wahda mill-ipotezijiet kontemplati fis-subartikolu 836(8) – sitwazzjoni illi fil-kaz odjern ma tissusistix.

54. Illi dwar id-danni, dina l-istess Qorti fit-18 ta' Settembru, 2002, fil-procedura fl-ismijiet *John Zarb vs Port Cottonera Limited* spjegat illi:-

*Il-procedura assodat mill-gurisprudenza lokali hija li ezercizzju ta' dritt ma jista' qatt iwassal ghar-responsabilita' ghad-danni, sakemm dak id-dritt ma jkunx abbuzat u jkun ezercitat fil-limiti permessibli mill-ligi. Ghalhekk, gie deciz li min jiftah il-kawza il-kawza u jitlifiha, ma jkunx responsabbli ghad-danni, sakemm il-ftuh tal-kawza ma jkunx sar b'mod vessatorju ara 'Farrugia vs Sammut', Kollez. Vol. XXVIII.I.223); u 'Barbara vs Fleri' Kollez. Vol. XXVIII.III.695). Huwa meta persuna tagixxi kapriccosament jew b'mala fede, li hija tista' tkun responsabbli ghad-danni li jsegwu l-agir irresponsabbli taghha.*

*Din il-Qorti, ghalhekk, fil-waqt li tista' taqbel li c-cirkostanzi ta' meta min ikun hareg mandat kawtelatorju jista' jinsab responsabbli ghad-danni, mhux limitati ghal dak provdut fl-artikolu 836(8) tal-Kap.12, thoss li r-responsabbilta' trid tohrog mill-applikazzjoni tal-artikolu 1031 u 1032 tal-Kodici Civili (Kap. 16) b'mod li jkun responsabbli biss jekk jagixxi*

*b' imprudenza, b'negligenza jew mhux bil-hsieb ta' bonus pater familias.*

*Din il-pozizzjoni tidher li kienet li kienet abbraccjata ukoll minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef (illum President Emeritus) Joseph Said Pullicino fil-kawza 'Spiteri vs Camilleri' deciza fl-10 ta' Jannar, 1992. F'dik il-kawza gew riaffermati s-segwenti principji:*

*(a) 'Illi huwa principju fundamentali illi min jezercita dritt li jispetta illi ma jistax jitqies li f'dan l-ezercizzju ikun responsabbli ghall-hsara li bhala konsegwenza jista' jbati haddiehor, in omagg ghall-massima 'qui suo iure utitur non videtur damnum facere' bil-konsegwenza li d-dritt ghar-rikors ghall-protezzjoni tal-Qorti huwa dritt li l-ezercizzju tieghu mic-cittadin ma ghandu bl-ebda mod jigi mxekkel;*

*(b) Illi tali dritt tac-cittadin ghar-rikors lejn il-Qorti ma ghandux jigi abbuzat;*

*(c) Illi l-fatt li t-talba ta' min ipprovoka l-proceduri tigi michuda mill-Qorti, bl-ebda mod ma jfisser necessarjament li sar abbuz mid-dritt li tigi adita l-Qorti. 'Non e' in colpa chi, credendo in buona fede di possedere un diritto ne chiede al tribunale il riconosimento, sebbene non vi riesca' ('Demajo vs Page ' Kollez. Vol. XV, Pg. 34 P.A. 24.1.1985). Dan ghalex ghalkemm il-ligi hija l-istess ghal kulhadd, huwa veru ukoll li l-ligi hija soggetta ghal diversi nterpretazzjonijijet li l-partijiet jafdaw fil-gudikant biex jinterpreta u jiddeciedi dwarhom;*

*(d) Illi tali abbuz jigi riskontrat biss f'kazijiet eccezzjonali u dan kwazi dejjem f'kazijiet ta' vessatorjeta' (Emanuele Calleja vs Carmelo Grima' Kollez. Vol XXXIX.1.24) nascenti minn mala fede jew dolo jew almenu negligenza gravament kolpuza ('Agius vs Dott. Carbone nomine' Kollez. Vol. XIII. 434), fejn min ikun agixxa lill-Qorti ghall-hrug ta' tali mandat kawtelatorju ikun ibbaza fuq cirkostanzi manifesti ' priva di qualsiasi fondamento nel fatto u nel diritto per cui il giudizio promosso si dimostri vessatorio. Ma un fallace*

*apprezzamento dei fatti posto a base dell' istanza e delle consequenze guridiche che ne derivano non e' sufficiente a legittimare una domanda per danni da parte del vincitore nelle lite' (Mugliette vs Bezzina' Kollez. Vol. XXVI.I. 405);*

*(e) Illi dan l-ahhar principju huwa bbazat fuq il-fatt li l-element ta' vessatorjeta' jimplika abbuz tad-dritt ta' azzjoni gudizzjarja, ghaliex inghad sew illi:*

*Il-diritto cessa dove comincia l'abbuso…. Ritieniamo che basta, per proteggere tutti l'interessi che ne sono degni, per dare una base giurdica alle diverse decisioni che provocano I bisogni della societa', di aderire al concetto generale che tutti I diritti hanno dei limiti.'*

*Applikat dan il-principju ghad-dritt ta' azzjoni kontra persuna jfisser illi 'chi agisce in mala fede ad in seguito ad un grossolano errore, puo'` essere condannato a pagare un 'idemnita' al suo avversario …. ' (Baudry – Lancantiniere. - Trattato Prattico di Diritto civile – Delle Obligazioni – Vol. VI. Pg. 560).'*

*Din il-Qorti, kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Raymond Pace, fil-kawza 'SN Properties Ltd vs Camilleri' deciza fis-6 ta' Gunju, 2000, kienet ukoll ta' l-istess fehma.*

*F'dik il-kawza intqal li: 'Minn ezami tal-istess ragunijiet jidher car, li apparti xi ragunijiet specifici li gew introdotti per se fl-artikolu, l-ispirtu tal-istess artikoli huwa intiz, sabiex bhal ma stabbilit fil-gurisprudenza konstanti ezistenti qabel il-promulgazzzjoni tal-istess emendi, ma jkunx hemm abbuz minn tali hrug ta' mandati kawtelatorji, u dan l-abbuz huwa identifikat f'kazijiet ta' mala fede, vessatorjeta' u negligenza grossolana.*

*'Illi fl-oppinjoni ta' din il-Qorti tali kazijiet ma eliminawx per principju l-azzjoni generali ghad-danni fuq riferta fis-sentenzi citati ai termini tal-Artikolu 1031 tal-Kap. 16, dejjem fil-kuntest u b'konsegwenza ta' dritt ta' azzjoni, pero' in verita' u fil-prattika tali azzjoni, diretta ghall-hrug*

*ta’ mandati kawtelatorji, giet illum kristalizzata bl-istess Artikolu 836(9).*

*Dan ghaliex l-istess artikolu introdott bil-ligi tal-1995, ikkodifika u applika l-principji elenkati fil-gurisprudenza ta’ qabel in materia, dwar l-ezercitazzjoni ta’ azzjoni ta’ danni wara l-hrug ta’ mandat kawtelatorju, u minn ezami ta’ l-istess ragunijiet hekk elenkati, huwa difficli li wiehed jahseb li hemm ragunijiet barra dawk elenkati fl-istess Artikolu 836, fejn l-azzjon in generali tista’ tirnexxi’.*

*Mill-premess, jidher, li l-pozizzjoni aktar akkredita hija dik abbraccjata minn din il-Qorti f’din il-kawza, u cioe’; li r-responsabbilta’ ghad-danni, naxxenti minn proceduri gudizzjali ssib il-limitazzjoni taghha fl-artikolu 836 (8) tal-Kap. 12, b’zieda li tista’ wkoll tiddependi mill-vessatorja u/jew il-mala fede ta’ dak li jkun nieda dawk il-proceduri ai termini tal-artikolu 1031 tal-Kap. 16.*

*Illi dan ifisser illi dak li l-Qorti trid tara f’dan l-istadju tal-kawza, darba li c-cirkostanzi l-ohra ma jirrizultawx, huwa jekk l-intimat kellux prima facie bazi guridika li fuqha seta’ jagixxi sabiex johrog mandat kawtelatorju, u dan fid-dawl tal-principju li d-dritt per se ghall-azzjoni gudizzjarja ma ghandu bl-ebda mod jigi pregudikat u wisq anqas id-dritt ta’ persuna li tipprotegi l-interess taghha sakemm id-dritt sostantiv jigi finalment determinat mill-istess Qorti. Illi minn dan isegwi li anke jekk jigi determinat mill-pozittiv li r-rikorrenti kellu dritt jagixxi sabiex jissalvagwardja l-pretensjonijiet tieghu, kif intqal fid-decizjoni ‘Visa Investments Limited vs Blye Engineering Co. Ltd ‘ daciza minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Raym`ond Pace, fis-7 ta’ Frar, 2001, ‘illi ovvjament dan ma jfissirx li tali azzjoni tas-socjeta’ intimata ser tirnexxi, ghaliex id-determinazzjoni tal-istess talbiet tispetta biss lil dik il-Qorti li qed tisma’ l-mertu tal-kawza u fl-ambitu tal-kawza proprja dwar il-mertu’.*

55. Illi ghandu jirrizulta illi l-esponenti ghandha kjarament u *prima facie* bazi guridika li fuqha tista’ tagixxi, li l-ammont mitlub ma huwiex eccessiv, u illi l-agir tal-esponenti mhuwiex ir-rizultat ta’ negligenza grosslana,

vessatorjeta’ jew mala fede, ghalhekk ma hemmx lok sabiex tigi mposta garanzija *ai termini* tal-artikolu 838A.

56. Illi sabiex tintalab l-impozizzjoni ta’ garanzija, irid jirrizulta, barra illi hemm kawza gusta kif spjegat aktar ‘il fuq, ukoll illi qed jigi arrekat pregudizzju. L-esponenti taf illi s-socjeta’ Net4U Limited ghaddejja minn diffikultajiet finanzjarji serji b’mod illi ma kienx hemm mod iehor kif il-jeddijiet tal-esponenti jigu kkawtelati.

57. Illi jekk Portelli u is-socjeta’ Net4U Limited huma lesti illi jipprovdu garanzija soddisfacenti, l-esponenti tikkonsidra illi tirtira l-mandat, a spejjez dejjem tal-intimati.

58. Illi, fin-nuqqas illi tigi pprovduta tali garanzija, l-unika haga illi tista’ taghmel l-esponenti biex tissalvagwardja l-jeddijiet taghha hija illi zzomm *in vigore* dan il-mandat, ghaliex *qui suo jure utet non videtur damnum facere.*

59. Illi fl-ahhar mill-ahar, jekk Portelli qieghed isofri xi danni minhabba dawn il-proceduri, dan huwa kollu tort tieghu minhabba l-agir illegali, kalkolatament frawdolenti u estremament abbuziv tieghu, u ghandu jlum biss lilu nnifsu dwar dana kollu.

Illi ghas-suespost ragunijiet, it-talbiet ta’ Mark Anthony Portelli permezz tar-rikors tieghu ghandhom jincahdu fl-intier taghhom, bl- ispejjez kontra l-istess Mark Anthony Portelli.

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti;

Semghet it-trattazzjoni tat-difensuri;

**Konsiderazzjonijiet**

Ir-rikorrent qed jitlob li dina l-Qorti tordna r-revoka tal-mandat ta’ sekwestru numru 1695/06 fil-konfront tieghu a tenur tal-Artikolu 836 subinciz (1) paragrafi (a) u/jew, (b) u/jew (d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dan l-artikolu jipprovvdi li l-att jitnehha jekk:

(a) li l-att kawtelatorju m'ghadux iktar fis-sehh;
(b) li wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug ta' l-att kawtelatorju ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti; u
(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv;

Ir-rikorrenti qed jikkontendi li dana l-mandat ghandu jigi revokat billi nhareg kontra tieghu personalment meta l-kreditu semai jista' jkun dovut mis-socjeta Net4U Limited, minnu rapprezentata.

L-intimati wiegbu li l-mandat u l-kawza li segwitu, huma mmirati lejn il-kumpanija u lejn ir-rikorrent personalment u l-kawzali mhumiex limitati biss ghall obbligazzjoni kontrattwali tal 1 ta' Awissu 2006 mal-kumpanija imma r-rikorrenti qed jigi mixli bi frodi u atti illegali ghalhekk responsabbili anke fil-vesti tieghu personali.

Illi hu risaput li kumpanija ghandha personalita' guridika distinta mill-membri li jikkomponuha u r-responsabilitajiet taghhom huma separati u distinti.

Illi huwa veru li f'dan l-istadju meta dina l-Qorti qed tigi miltuba biex tirrevoka il-mandat li nhareg, il-kompitu taghha huwa wiehed limitat u l-istharrig li ghandha taghmel huwa biss wiehed prima facie ghaliex il-mertu jmiss li jigi mistharreg fil-kawza proprja bejn il-partijiet.

Il-Qorti ghalhekk mhiex se tidhol fil-mertu tat-talbiet ta' l-intimat li hu pprezenta fir-rikors guramentat tieghu kontra r-rikorrent, u jekk l-allegazzjonijiet maghmula mill-intimati humiex fondati jew le, imma hu opportun, anke f'dan l-istadju, li l-Qorti tara x'inhuma t-talbiet f'dak ir-rikors guramentat biex tkun tista' tiddeciedi jekk ir-rikorrent hux gustifikat li jitlob hawnhekk ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru in kwistjoni.

Din il-Qorti tinnota li l-intimati (rikorrenti fir-rikors guramentat) ipprezentaw ir-rikors kemm fil-konfront tas-

socjeta Net4U Ltd kif ukoll kontra Mark Portelli f'ismu personali.(ara fol 7). Fil-premessi tar-rikors guramentat issir referenza ghal fatt li Mark Portelli ghamel dikjarazzjonijiet xjentement foloz u qarrieqa u li flimkien mal-kumpanija approrpja ruhhu abbuzivament u illegalment minn ammonti li kellhom jigu trasferiti lill-intimati.

L-intimati jsostnu li l-azzjoni taghhom kontra r-rikorrenti personalment u l-kumpanija minnhu rapprezentata, hija ibbazata mhux biss fuq l-obbligazzjoni kontrattwali assunta mill-kumpanija Net4U ta' 1 ta' Awissu 2006 imma ukoll fuq ix-xilja li Mark Portelli kkommetta frodi fil-konfront taghhom. Fir-rikors guramentat hemm indikazzjonijiet cari fil-premessi f'dan is-sens ghalkemm m'hemmx talba dikjaratorja li Mark Portelli ikkommetta frodi. Hu minhabba f'hekk li qed izommuh personalment responsabbili wkoll.

Fit-talbiet ta' l-intimati (fir-rikors guramentat ara fol. 10) jinghad li **ghar-ragunijiet premessi (**hawn fuq imsemmija) is-socjeta Net4U u Mark Anthony Portelli personalment in solidum ghandhom jigu dikjarat debituri tas-socjeta IT & T etc. u jigu kkundannati jhallsu s-somma mitluba.

Ghalhekk din il-Qorti minghajr ma tidhol fil-mertu ta' l-allegazzjonijiet li saru mis-socjeta intimata hi tal-fehma li l-mandat ghandhu jibqa ukoll anke fil-konfront ta' Mark Portelli personalment.

Dwar il-kwistjoni sollevata mir-rikorrent li l-azzjoni proposta mill-intimati in segwitu ghal hrug tal-mandat hija wahda inkorreta, u dan b'riferenza ghall artikoli 315 u 316 tal-Kap 386, u ghalhekk bi ksur ta' l-artikolu 836(1)(a), il-Qorti tirrileva li l-artikoli 315 u 316 jitkellmu dwar azzjoni fi proceduri ta' stralc li pero' m'ghandhomx x'jaqsmu mall kaz odjern billi hawn mhiex kwisjtoni ta' likwidazzjoni ta' kumpanjia fejn diretturi qed jinzammu responsabbili anke personalment.

Dwar is-subartikolu 836(1)(b) ghadu mehtieg li l-mandat jibqa' fis-sehh.

Kwantu ghas-sub-artikolu 836(1)(d) biex ammont jitqies li huwa eccessiv, jehtieg li jintwera li dan hu esagerat fid-dawl tat-talba li ssir jew ikun tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t'ghajn bhala wiehed maghmul b'mod azzardat. Il-kriterju ta' x'inhu ammont gustifikat jew x'inhu eccessiv ma jigix pruvat b'argument li jifforma l-mertu tal-kwestjoni. Fil-kaz in ezami ma jirrizultax li b'xi mod gie kontestat li l-ammont mitlub hu eccessiv. Anzi jirrizulta li l-intimati spjegaw fid-dettal f'hiex tikkonsisti s-somma mitluba, apparti l-fatt li l-intimati qed jikkontendu li l-ammont hu inqas minn dak mitlub fir-rikors guramentat.

Dwar it-talba ghal penali taht l-artikolu 836(8)(a) l-imposizzjoni taghha hija fakultativa u trid tkun sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsubin mil-ligi biex tali sanzjoni tigi mposta. Fil-kaz in ezami r-rikorrenti qed jippretendi li l-intimat ma ghamilx il-kawza apposita dwar it-talba li dwarha hareg il-mandat skond il-ligi, izda kif gja rajna r-rikors guramentat prezentat mill-intimati jigbor fih t-talbiet li fuqhom huma bbazaw it-talba ghal hrug tal-mandat, u ma kienx necessarju li dina t-talba ssir fi proceduri ta' stralc. (ara kawza PA GCD Enriquez et vs Av.Dr.A.Farrugia deciza 12/10/1995).

Fl-ahharnett ir-rikorrent talab garanzija a bazi ta' l-artikolu 838(a). Dan l-artikolu jipprovvdi li l-qorti tista', meta tintwera kawza gusta ghal dan, malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inhareg att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-hrug ta' l-att kawtelatorju sabiex taghti, fi zmien stabbilit mill-qorti, garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista' tigi mposta u ta' danni u imghax, u, fin-nuqqas, li tnehhi l-att kawtelatorju.

Din hija alternativa ghat-talba ghat-thassir tal-mandat u tinghata meta l-mandat b'xi mod ghadu fis-sehh. Ghalhekk trid tintwera lill Qorti "gusta kawza" biex twassalha tqieghed fuq il-parti esekutanti l-piz li toffri garanzija tajba. Il-fatt wahdu li jkun inhareg il-mandat ma jitqiesx bhala "kawza gusta" ghall-finijiet ta' dan l-artikolu. Irid ikun hemm ragunijiet ohrajn, izjed serji u impellenti, li

jwasslu lill Qorti taghti dik is-sanzjoni. It-tifsira ta' kawza gusta ma tehodiex minn dak li jghid l-artikolu 836(1) tal-Kap 12 ghax jekk ikun hemm dawk ir-ragunijiet, il-mandat ghandu jithassar u mhux jinzamm fis-sehh sakemm tinghata garanzija.

Fil-kaz in ezami r-rikorrent ma wera ebda kawza gusta apparti r-ragunijiet li hu semma li fuqhom talab li jigi revokat il-mandat. Lanqas ma hemm prova li l-mandat inhareg b'malafede. Jigi rilevat li l-fatt jekk l-intimati jirbhux jew le l-kwistjoni fil-mertu ma jistax ifisser li l-mandat kawtelatorju kien inhareg b'mod vessatorju jew fieragh. ( PA JSP 10/1/92 Spiteri vs Camilleri).

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tichad it-talba tar-rikorrent
Bl-ispejjez kontra tieghu

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------